Ir-refugjati u l-babaw

Waqt id-diskussjoni tal-ligi dwar ir-refugjati, saru diversi diskorsi fil-Parlament. Uhud wrew li jafu il-problema x`inhi, tkellmu dwar kif ghandna obbligu internazzjonali illi ir-refugjati genwini inharsuhom; ohrajn b`xorti hazina, ghamlu kif ghamlu ghal zmien twil il-media f`pajjizna li jhalltu ir-refugjati mal-immigranti illegali. Fil-fatt fuq it-televizjoni bdew igibu filmati ta` persuni li dahlu Malta fuq bicca tal-bahar (il-`boat people`) bhala ezempju ta` refugjat f`Malta.

Id-definizzjoni ta`refugjat tohrog car u tond mill-Konvenzjoni ta` Ginevra tal-1951. Ma biddilniex kelma wahda minnha fil-ligi il-gdida. Id-definizzjoni taghmilha cara illi sabiex xi hadd jigi rikonoxxut bhala rifugjat, irid ikun hemm biza` msejsa fuq ir-realta`( `well-founded fear`) illi persuna tigi persegwitata jekk tmur lura f`pajjizha. Dik il-persekuzzjoni trid tkun wahda ingustifikata. Ghalhekk dawk li jitilqu minn pajjizhom biex ifittxu hajja ahjar- l-hekk imsejha rifugjati ekonomici- ma jaqghux taht id-definizzjoni ta` refugjati.

Dan in-nuqqas ta` distinzjoni bejn rifugjati u immigranti illegali wassal biex xi nies kitbu fil-gazzetti u xi deputati tkellmu fil-Parlament u sostnew illi din il-ligi se tiftah il-bibien sabiex jizdiedu l-immigranti illegali `f`pajjizna. Dana ma hux minnu. Min ma jigix rikonoxxut bhala refugjat se jigi mkecci minn Malta. L-esperjenza wkoll wrietna illi ftit huma dawk il-barranin f`pajjizna li jigu rikonoxxuti bhala refugjati u dana ghaliex il-process huwa wiehed metikoluz. Fil-fatt bhalissa f`Malta hawn biss mal-166 refugjat rikonoxxut mill-UNHCR, il-United Nations High Commissioner for Refugees, peress li sa issa hija il-UNHCR li tirrikonoxxi ir-refugjati u l-Gvern Malti segwa il-prattika li jaghraf bhala refugjati dawk li jigu rikonoxxuti mill-UNHCR. Wara li tghaddi il-ligi, ir-refugjati se jigu rikonoxxuti minn Kummissarju ghar-Refugjati mahtur mill-Gvern; ser ikun hemm dritt ta` appell quddiem Bord indipendenti ta` tlieta min-nies.

Il-fatt li f`pajjizna ikun hawn dejjem numru ta` barranin li anki jahdmu `f``pajjizna min legalment u min mhux, ma jfissirx li dawn huma refugjati. Li se naghmlu izda hu li dawk ir-refugjati li l-kaz taghhom huwa genwin se naghtuhom il-permess tax-xoghol; kif tista` fl-istess nifs li taccetta lil xi hadd bhala refugjat- li hafna drabi ikollu ta` fuqu senduqu, bla sold, u fl-istess hin tippretendi li dan ighix bl-arja. Anzi il-fatt li se naghtuhom id-dritt

li jahdmu se nnehhu il-bzonn li dawn jiddependu mill-Gvern ghal xi ghajnuna.

Sabiex zgur inharsu ukoll l-interessi taghna bhala pajjiz, il-permess ta` xoghol mhux se jinghata bi dritt, izda bhala `policy`; b`hekk f`cirkostanzi specjali dad-dritt jista` jigi sospiz; ma narax ir-raguni ghaliex dana ghandu jsir , izda il-possibilita` legali hemm tibqa` . Jiena nahseb li malli tghaddi din il-ligi il-biza` tal-babaw jispicca.

Li rridu naghmlu zgur hu li dejjem niggieldu kontra l-immigrazzjoni illegali. Wasal iz-zmien li nharrxu il-pieni; u l-iktar li ghandhom jihraxu hu fil-konfront ta` Maltin li qed jidhlu ghal dan in-negozju li jew igibu immigranti illegali lejn Malta jew jtellquhom minn Malta ghal pajjiz iehor. Dana johloq problemi ghal pajjizna u problemi ghal pajjizi ohra. Biex insahhu il-mezzi taghna sabiex naraw li x-xtut taghna jibqghu hielsa minn immigrazzjoni illegali mhix facli. Anki jekk ninvestu iktar`f`dal-qasam, id-diffikolta` tibqa` hemm .Per esempju, kif tkecci lil xi hadd li qed jeghreq? Kif tibghat lura lil xi hadd f`bahar b`perikolu kbir ghall-hajja? Fuq l-art bejn fruntiera u ohra dana tista` taghmlu, izda fuq il-bahar id-diffikoltajiet joktru.

Irridu allura nibqghu vigilanti dwar dhul illegali f`pajjizna, ghalkemm dil-problema se tibqa` ma` wiccna; izda fl-istess hin irridu nassiguraw li jigu deportati dawk li minghajr ma huma refugjati qed jidhlu Malta u jibqghu hawn.

Irridu izda dejjem nzommu rasna fuq ghonqna. Il-biza` tal-barrani ma ghandniex bzonnu fis-sena 2000. Anki li kieku kellna naghlqu ix-xtut taghna b`katina soda ta` sigurta` assoluta- haga impossibbli- xorta wahda ma nistghux nzommu it-tahlit u il-moviment ta`nies f`era fejn it-trasport u l-ivvjaggar qed isir tant komuni. Nistghu ahna fis-seklu 21 ninghalqu fina nfusna. Daz-zgur li le. Kull socjeta` li hija miftuha u qed tizviluppa tiltaqa` ma` influss ta` barranin. Uhud joholqu problemi ohrajn le. Izda l-ideja li Malta tista` tinghalaq fiha innifisha u tbarri lil kull min mhux ta` gewwa hija biss finzjoni u fantasija.

Hazin li nergghu nibdwew noholmu bil-periklu tal-barranin. Il-problemi ekonomici ta` pajjizna ma holquhomlniex il-barranin. Huma frott ghemilna. Ahna bhala poplu hloqnihom u ahna bhala poplu se nsolvuhom. Iz-zmien tal-ligi kontra l-indhil barrani spicca. Izda irridu nharsu lilna nfusna minn

idejat xenofobici, mgezwrin bi kliem sabih, bhalma ixerrdu il-partiti tal-lemin estrem fl-Italja, Franza u l-Awstrija.

Il-hazin hu li anki xi whud minn dawk li darba kienu jissejhu xellugin, biex jintghogbu qed jithajru minn dawn l-idejat .

721 words Tonio Borg